EUROPEAN CAPITALS OF
INCLUSION AND DIVERSITY

**AVVIŻ GĦALL-MEDIA**

# Inħabbru l-Premju 2024 tal-Bliet Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità

**6 ta' Diċembru 2023**

Il-Premju tal-Bliet Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità ġie lura għat-tielet edizzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea ser tħabbar ir-rebbieħa f'ċerimonja fil-**25 ta' April 2024.** L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu sal-**15 ta' Frar 2024.**

**Il-Kummissarju Ewropew għall-Ugwaljanza Helena Dalli** ser tospita l-avveniment ta' livell għoli li jiġbor sindki, uffiċjali nazzjonali, partijiet ikkonċernati u dawk li jfasslu l-politika dwar id-diversità u l-inklużjoni.

Il-Premju jirrikonoxxi r-rebbieħa tad-Deheb, tal-Fidda u tal-Bronż fit-tliet kategoriji kollha:

- awtoritajiet lokali b'inqas minn 50 000 abitant
- awtoritajiet lokali b'aktar minn 50 000 abitant
- premju speċifiku għal awtoritajiet lokali li jiżguraw bliet, irħula u reġjuni sikuri għan-nisa fid-diversità kollha tagħhom, billi jindirizzaw il-vjolenza kontra n-nisa.

Ir-rebbieħa tal-ewwel premju ser jissejħu 'Il-Bliet Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità' għal sena.

**Dwar il-Kompetizzjoni tad-#DiversityCapitals**

Il-Premju jirrikonoxxi x-xogħol magħmul minn bliet, irħula jew reġjuni fl-Unjoni Ewropea biex jippromwovu l-inklużjoni u joħolqu soċjetajiet ħielsa minn diskriminazzjoni.

Il-kompetizzjoni hi ċans għall-awtoritajiet lokali biex jesibixxu politiki u inizjattivi li joħolqu spazji aktar diversi u inklużivi għaċ-ċittadini tagħhom.

Din tkopri inizjattivi ta' diversità u inklużjoni li jindirizzaw ir-raġunijiet kollha ta' diskriminazzjoni (sess, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali) u intersezzjonalità, ir-relazzjoni interkonnessa ta' forom differenti ta' kategorizzazzjoni soċjali.

Aqra l-isfond tal-mediatagħna biex titgħallem aktar dwar il-Premju u kif jaħdem.

**Kronoloġija tal-kompetizzjoni**

- Sottomissjonijiet tal-entrati: sal-15 ta' Frar 2024, sa 12h00 PM CET
- Evalwazzjoni tal-esperti u tal-ġurija tal-entrati: bejn is-16 ta' Frar u l-31 ta' Marzu 2023
- Avviż tal-kandidati fuq il-lista l-qasira: kmieni f'April 2024 (mistennija)
- Ċerimonja tal-għoti tal-premju: 25 ta' April 2024

**Rebbieħa tal-Premju tad-Deheb 2023 tad-#DiversityCapitals**

Iktar minn 70 belt, raħal u reġjun applikaw biex ikunu msejħa Bliet Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u Diversità fil-kompetizzjoni tas-sena l-oħra. Dawn t'hawn taħt rebħu l-premju prestiġjuż tad-Deheb fil-kategoriji tagħhom għax jeċċellaw fl-insegwiment tagħhom ta' Ewropa iktar indaqs u inklużiva.

| Kategorija | Rebbieħa tad-Deheb |
|---|---|
| Aktar minn 50,000 abitant | **TERRASSA, Spanja** |
| Inqas minn 50,000 abitant | **LA ZARZA, Spanja** |
| Trawwim tal-Ugwaljanza tal-persuni LGBTIQ | **GDAŃSK, il-Polonja** |

**Kuntatt tal-Media**

Għal mistoqsijiet tal-media jew jekk trid tirċievi l-istqarrijiet tal-istampa tagħna dwar il-Premju, jekk jogħġbok ikteb lil:media@eudiversity2024.eu